# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-1 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 404/2011 SM**

**Avukat Dottor Simon Cachia**
**(I.D. 434281 M)**

**vs.**

**1. SportMalta u**

**2. Aquatic Sports Association of Malta**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 t'April, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikat sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi waqt li ghall-habta tas-6.00p.m. tas-7 ta' Lulju, 2010, hu kien qieghed jghum il-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq, l-

Imsida, laqat saqajh il-leminija ma' hadida taqta` mwahhla ma' lasta tal-waterpolo;

1.2. Illi l-hadida in dizamina ma kienitx tidher *stante* li kienet taht wicc l-ilma;

1.3. Illi konsegwenza tal-istess sofra griehi serji f'saqajh il-leminija, (ara foll 5), li wasslu ghal dizabilita` permanenti, (ara foll 6);

1.4. Illi r-rikorrenti sofra ghalhekk diversi spejjez, telf ta' qliegh, danni *lucrum cessans*, u danni ohra rizultat tal-istess;

1.5. Illi l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-istess incident u danni kkagunati u dan, minhabba negligenza, traskuragni, u imperizja da parti taghhom, *stante* li naqsu li jipprovdu ambjent sigur u hieles mill-periklu ghall-persuni li juzaw il-pixxina nazzjonali minnhom gestita;

1.6. Illi ghalkemm interpellati ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, dawn baqghu inadempjenti, (ara foll 8, 9 u 11);

1.7. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimati, jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.7.1. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-incident in dizamina;

1.7.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-incident, okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.7.3. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.7.4. Bl-ispejjez kif dedotti mir-rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur tieghu;

2. Rat l-ordni ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-3 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu tat dawk l-ordnijiet procedurali hemm elenkati, (ara foll 14);

3.0. Rat iir-risposta guramentata datata l-31 ta' Mejju, 2011, li permezz taghha *Sport Malta* sintetikament irrispondiet is-segwenti: (ara foll 20)

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront taghha huma infondati;

3.2. Illi l-intimat odjern ma kiex informat li sehh l-allegat incident qabel it-22 ta' Dicembru, 2010, u ghalhekk ma kellux l-opportunita` jaghmel il-verifiki tieghu fir-rigward;

3.3. Illi fil-hin tal-incident il-pixxina nazzjonali kienet taht ir-responsabbilita` tal-*Aquatic Sports Association*;

3.4. Illi ghalhekk il-facilitajiet, armar u zarmar ta' dak kollu konness mal-loghba tal-*waterpolo* kien taht ir-responsabbilita` tal-istess Assocjazzjoni intimata;

3.5. Illi l-lasti ma jigux armati minn impjegati ta' *SportMalta*;

3.6. Illi kemm- il darba l-lasti gew armati b'mod hazin dan mhux imputabbli lill-intimat odjern;

3.7. Illi minn verifiki li saru rrizulta li f'xi zmien f'Lulju, 2010, minn kien *duty* il-pixxina kien talab ghas-silg ghaliex kien weggha *player*, u ftit wara anke intalbet ambulanza, (ara foll 1);

3.8. Illi konsegwentement kienet infurmata li weggha *player* mal-lasta;

3.9. Illi meta taw titwila lejn il-lasta ma rrizulta xejn hazin fiha;

3.10. Illi ghalhekk l-intimat odjern mhux responsabbli ghall-incident in dizamina *stante* li l-lasti kienu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u in effetti, ghadhom jintuzaw regolarment;

3.11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3.12. Bl-ispejjez;

4. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 54 u 55);

5.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-31 ta' Lulju, 2011, li permezz taghha l-intimata *Aquatic Sports Association of Malta* sintetikament irrispondiet bil-mod-segwenti: (ara foll 56)

5.1. Illi mhix il-legittimu kontradittur ghall-kawza odjerna;

5.2. Illi mhix responsabbli ghax-xiri u manutenzjoni tal-attrezzi fil-pixxina nazzjonali *de quo* uzati waqt it-tahrig fl-istess pixxina;

5.3. Illi fil-mertu jinghad sintetikament is-segwenti minghajr pregudizzju ghas-suespost:

5.3.1. Illi l-Assocjazzjoni in dizamina m'ghandha l-ebda kontroll fuq il-manutenzjoni, armar, zarmar u uzu tal-attrezzi uzati fit-tahrig li jsir fl-istess pixxina;

5.3.2. Illi ghalhekk mhix responsabbli ghad-danni allegati mir-rikorrenti;

5.3.3. Illi hi estranea ghall-incident *stante*:

5.3.3.i. Illi huma l-*"clubs"* biss li juzaw l-attrezzi waqt it-tahrig;

5.3.3.ii. Illi l-attrezzi utilizzati jigu maneggjati unikament mill-membri u *"players"* tal-istess *"clubs"*;

5.4. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datata it-12 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu, inhatar l-espert mediku hemm indikat, (ara foll 94 u 95), li pprezenta r-relazzjoni tieghu fir-rigward, datata t-23 ta' Frar, 2012, (ara foll 139), u r-risposti in eskussjoni datati l-14 ta' Jannar, 2013, (ara foll 204);

7. Rat id-digriet ulterjuri ta' din il-qorti diversament preseduta datata it-18 ta' Mejju, 2012, fejn wara nota appozita tar-rikorrenti datata s-16 ta' Mejju, 2012, (ara foll 150), innominat

periti addizzjonali hemm indikati biex jirriezaminaw il-fatti medici in dizamina, (ara foll 151 u 153), u kif sussegwentement modifikat, (ara foll 168);

8. Rat ir-relazzjoni tal-esperti medici addizzjonali datata il-31 ta' Lulju, 2013, (ara foll 222);

9. Rat l-ordni ta' trasferiment ta' kawzi datat it-13 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu din il-procedura giet assenjata lil din il-qorti kif issa preseduta, (ara foll 230);

10. Rat ir-rapport mediku tal-espert mediku rigwardanti l-*iscaning plastic surgery* effettwat, debitament awtorizzat li jkunipprezentat *in atti* a bazi tad-digriet datat it-30 t'Ottubru, 2014, (ara foll 266, 251 u 259 rispettivament);

11. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 305);

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-4 ta' Marzu, 2016, (ara foll 306), flimkien ma' dik tal-Assocjazzjoni intimata datata t-22 t'April, 2016, (ara foll 319), u dik tal-intimat l-iehor datata wkoll it-22 t'April, 2016, (ara foll 325);

13. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu il-qorti laqghet it-talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet ghall-korrezzjoni fl-okkju, biex dan jirrifletti t-tibdiliet li kienu sehhew fir-rigward, u biex b'hekk l-intimati originali – il-Kunsill Malta ghall-Isport jigi sostitwit bil-kelma "SportMalta", (ara foll 337);

14. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz b'mod finali, (ara foll 337);

15. Semghet ix-xhieda prodotta;

16. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

17.1. Illi meta fis-7 ta' Lulju, 2010, r-rikorrenti kien qieghed jippartecipa mal-kollegi tieghu ta' Ta' Xbiex *Waterpolo Club* fil-pixxina z-zghira rizervata ghall-qbiz li hemm fil-kumpless tal-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq l-Imsida, kien involut f'incident fejn waqt li qieghed jghum fl-imsemmija pixxina, laqat siequ l-leminja ma' hadida li kienet parti mill-bazi tal-lasta tal-*waterpolo* u sommersa taht wicc l-ilma, (ara ritratti a foll 30 u 31);

17.2. Illi rizultat ta' dan l-incident ir-rikorrenti sofra:

17.2.1. Ferita lacerata sinifikanti t'ghaxar (10) centimetri, (ara foll 5, 6 u 29);

17.2.2. Illi din il-ferita kienet ezatt wara l-ghaksa, (ara foll 5, 6 u 29);

17.2.3. Illi rizultat tal-istess iccartet il-gilda u t-tendini tal-istess, (ara foll 5, 6 u 29);

17.2.4. Illi l-ferita giet imnaddfa u gew lilu somministrati diversi punti kemm internament u fuq il-gilda minn barra, (ara foll 6 u 29);

17.2.5. Illi l-punti tnehhew wara tlettax- (13) il gurnata, (ara foll 6);

17.2.6. Illi rizultat tal-istess incident kellu necessarjament jghaddi minn perjodu konsiderevoli ta' rijabilitazzjoni, (ara foll 6);

17.2.7. Illi sentejn wara l-incident irrizulta is-segwenti: (ara foll 140)

17.2.7.i. Illi kien ghadu jhoss ghebbusija fl-istess ghaksa;

17.2.7.ii. Illi jhoss ugiegh meta jimxi ghal aktar minn ghoxrin (20) minuta u meta jdum bilwieqfa;

17.2.7.iii. Illi perjodikament ihoss tingis, qisu daqqa ta' sikkina fl-gharqub;

17.2.7.iv. Illi meta z-zarbun ihokk mal-ferita dan idejqu;

17.2.8. Illi l-ezami mediku tal-espert appozitament nominat minn din il-qorti diversament preseduta wassal ghas-segwenti rizultanzi datati t-3 ta' Frar, 2012: (ara foll 139 u 141)

17.2.8.i. Illi *nonostante* kollox din hi ferita ta' natura hafifa;

17.2.8.ii. Illi l-gherq tas-sieq fieq sewwa;

17.2.8.iii. Illi ghadu jhoss tnemnim u ugiegh minn zmien ghal zmien;

17.2.9. Illi r-rata ta' dizabilita` riskontrata tammonta ghal wiehed fil-mija, (1%);

17.2.10. Illi skont peritia addizzjonali debitament awtorizzata minn din il-qorti diversament preseduta datata s-7 ta' Lulju, 2013, jirrizulta sintetikament is-segwenti: (ara foll 222)

17.2.10.i. Illi r-rikorrenti ma jistghax idum bilwieqfa, (ara foll 223);

17.2.10.ii. Illi ghalkemm bhala sportiv imur jigri bil-mod, (*"jogging"*), ghadu jhossu skomdu fuq il-ferita, (ara foll 224);

17.2.10.iii. Illi wara gurnata strapazz ihoss tektik u strapazz madwar il-ferita, (ara foll 224);

17.2.10.iv. Illi wara tlett (3) snin mill-incident il-ferita fieqet tajjeb (ara foll 224);

17.2.10.v. Illi meta l-ferita tintmess ma kienx hemm ugiegh, (ara foll 224);

17.2.10.vi. Illi hemm ftit nuqqas ta' sensazzjoni fuq in-naha posteromedjali tal-gharqub, (ara foll 224);

17.2.10.vii. Illi l-ferita subita mir-rikorrenti hi ta' natura hafifa, (ara foll 225);

17.2.10.viii. Illi ghadu jhoss irritazzjoni tac-cikatrici meta jilbes zarbun ghal hin twil, (ara foll 225);

17.2.10.ix. Illi jaghmel pratikament kollox, (ara foll 225);

17.2.10.x. Illi l-periti addizzjonali stabilew ir-rata ta' dizabilita` riskontrata fl-ammont ta' wiehed fil-mija, (1%), (ara foll 225);

17.2.11. Illi skont il-konsulent aestetiku privatament assunt mir-rikorrenti jirrizulta sintetikament is-segwenti: (ara foll 266)

17.2.11.i. Illi l-post fejn jinsab l-isfregju jaffettwa l-andament tal-istess rikorrenti; (ara foll 275);

17.2.11.ii. Illi l-ferita subita taffetwa l-abilita` li jiffunzjona sew fuq ix-xoghol, (ara foll 269);

17.2.11.iii. Illi l-ferita subita hi f'posizzjoni delikata *stante* li tigi f'kuntatt kontinwu maz-zarbun u hi f'posizzjoni fejn terfa` l-piz tal-gisem tar-rikorrenti, (ara foll 269);

17.2.11.iv. Illi ghalhekk qed isofri minn dizabilita` permanenti, (ara fol 269);

17.2.11.v. Illi l-persentagg ta’ dizabilita` gie stabbilit bil-mod segwenti: (ara foll 269 u 275)

1. Hamsa fil-mija (5%) ghall-isfregju;

2. Hamsa fil-mija (5%) ohra ghall-funzjoni;

Ikkunsidrat:

18. Illi fir-rigward tal-analizi medika suesposta din il-qorti tissottolinea li qeghda tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-perit mediku u tal-periti addizzjonali *stante* li huma espressjoni kurjali *stante* li kienu debitament regolarment nominati ghal dan il-ghan, u ghalhekk tiddikjara li qed tistrieh fuqhom;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi rigward l-operat tal-pixxina nazzjonali jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi din il-pixxina taqa` taht ir-responsabbilita` ta’ SportMalta, (ara foll 168B);

19.2. Illi l-attrezzi u l-facilitajiet uzati fil-pixxina nazzjonali dejjem inxtraw mill-istess entita` u mill-aventi kawza taghha l-Kunsill Malta tal-Isports li pprecediha, (ara foll 168B);

19.3. Illi meta inxtraw xi attrezzi mill-Assocjazzjoni intimata l-istess Kunsill kien jirrifondi lill-Assocjazzjoni *de quo* ghall-istess, (ara foll 168B);

19.4. Illi l-pixxina nazzjonali hi l-proprjeta` tal-entita` nazzjonali sportiva intimata u mhux tal-Assocjazzjoni intimata, (ara foll 168B);

19.5. Illi l-manutenzjoni dovuta fuq l-istess kienet responsabbli ghalih l-istess entita` sportiva intimata fuq indikata, (ara foll 168B);

19.6. Illi meta, bhal fil-kaz in dizamina, timijiet tal-“*waterpolo”* juzaw il-facilitajiet tal-pixxina *de quo* dawn ihallsu lill-*manager* tal-pixxina li hu impjegat tal-entita` sportiva intimata u mhux tal-Assocjazzjoni intimata *de quo*, (ara foll 168B);

19.7. Illi l-istess *chairman* tal-Kunsill *de quo* li pprecieda l-entita` SportMalta llum intimata jafferma bi kjarezza dak precedentement hawn riprodott li l-pixxa nazzjonali hi amministrata mill-istess Kunsill, (ara foll 99B);

Ikkunsidrat:

20. Illi l-funzjonijiet tal-intimat SportMalta huma stabbiliti fl-artiklu 6(1) tal-Kap 455 tal-Ligijiet ta’ Malta;

21. Illi l-artiklu 6(1)(t) tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti jistabbilixxi li l-funzjonijiet ta’ SportMalta, fost l-ohrajn huma:

> “li jirregola l-livelli tal-manutenzjoni, tmexxija, sigurta` u livelli ta’ servizzi u thaddim ta’ facilitajiet sportivi”;

22. Illi fir-rigward tat-tmexxija ta’ facilitajiet sportivi l-artiklu 18(II)(c) tal-istess Kap jistabbilixxi li l-Ministru kkoncernat, fuq parir tal-intimat SportMalta, jaghmel regolamenti, mhux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att li jkunu:

> “jirregolaw l-istat ta’ manutenzjoni, tmexxija, sigurta`, livell ta’ servizz u operazzjonijiet ta’ facilitajiet sportivi inkluza l-projbizzjoni tal-uzu ta’ facilitajiet sportivi li ma jkunux jilhqu l-livell u l-istat mitlub”;

Ikkunsidrat:

23. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-intimat SportMalta hu unikament responsabbli biex jassigura li fl-operat kollu varjat minnu rez disponsibbli ghall-utenti fil-pixxina

nazzjonali, tkun hielsa mill-perikli ghal kull min jaghmel uzu minnha u mill-facilitajiet li hi tipprezenta lill-istess;

24. Illi kif jirrizulta fil-process, l-istess entita` intimata SportMalta hi wkoll koperta minn polza tal-assigurazzjoni ghall-incidenti bhal dak in dizamina, (ara foll 100 *et sequitur*), li pajjiz avvanzat jirrikjedi li kellha tiskatta b'mod immedjat meta tqum sitwazzjoni bhal ma qamet dik hawn analizzata u ma tistax ma ticcensurax l-operat volutament assenti riskontrat da parti tas-socjeta assiguratrici involuta;

Ikkunsidrat:

25. Illi meta l-amministrazzjoni tal-pixxina *de quo* taghzel li tikri l-facilitajiet taghha lill-utenti li qed ihallsuha ghal din il-koncessjoni din tassumi dover serjissimu senjatament:

> "a duty to take such care as is reasonable to see that the visitor will be reasonably safe in using the premises for the purposes for which he is invited or permitted to be there". The question whether the occupier has fulfilled his duty to the visitor is thus dependent upon the facts of the case. The relevant circumstances include the degree of care and of want of care that may be looked for the particular visitor" – Windfield & Jolowicz on Tort p. 299 citat a foll 6 fis-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Samuel Zarb vs. Michael Vella u martu Rose Marie Vella*** datata t-***28 ta' Gunju, 2002***;

26. Illi ghalhekk, l-intimat SportMalta kellu l-obbligu li jizgura li ma jkun hemm l-ebda attrezzatura – bhal l-lasta tal-*waterpolo* in dizamina – li tipprezenta perikoli ghall-utent tal-pixxina meta fil-parti t'isfel taghha kellha hadida sporguta l-barra mill-injam u inzammet parti fl-art u parti taht l-ilma, b'tali mod li l-isporgenza inkriminata ma kienitx tidher minn dawk li kienu qed juzaw il-pixxina f'dak il-mument, (ara foll 30 paragunat ma foll 31);

Ikkunsidrat:

27. Illi l-ezami rikjest biex jigi determinat jekk hemmx responsabbilita` o meno fir-rigward u dak ibbazat fuq il-principju

stabbilit fl-artiklu 1032 tal-Kodici Civili, senjatament it-test tal-*"bonus pater familias"*;

28. Illi f'dan ir-rigward lasta tal-"*waterpolo"* ghandha minnha nnifisha skop specifiku li hawn mhux il-lok ta' diskwisizzjoni fir-rigward;

29. Illi pero` ghandu jkun pacifiku li tali lasta m'ghandha qatt minnha nnifisha tkun ta' periklu ghall-utent li jutilizzha;

30.0. Illi in effetti l-periklu riskontrat kien jikkonsisti minn zewg affarijiet hawn konkowitanti:

30.1. Il-fatt li kien hemm hadida sporgenti minn taht il-parti vertikali tal-lasta, (ara foll 31);

30.2. Il-fatt li l-istess lasta kienet imqeghda parti fl-art u parti fil-pixxina biex b'hekk l-isporgenza tal-hadid kienet okkultata mill-istess ilma tal-pixxina, (ara foll 30);

31. Illi ghandu jkun pacifiku li dan minnu nnifsu kien jikkostitwixxi periklu serju li pero` seta` facilment jitwarrab kieku intuzat il-prudenza, diligenza u l-hsieb rikjest minn missier tajjeb tal-familja;

32. Illi l-hadida mohbija taht l-ilma tal-pixxina ma kienitx tidher minn dawk li jkunu qed jittrenjaw hdejha;

33. Illi l-prudenza u l-hsieb ghaqli rikjest mill-ewwel jindika li hadida bhal dik li kkawzat l-incident in dizamina qatt ma kien missha thalliet imwahhla mal-lasta, b'dak il-mod;

34. Illi fost l-obbligi li l-intimat SportMalta ghandu biex jassigura li l-pixxina nazzjonali tkun hielsa mill-perikli ghal kull minn jaghmel uzu mill-istess hemm li jevita sitwazzjoni bhal dik hawn riskontrata u jadotta *modus operandi* professjonali munit b'esperjenza fl-operat in dizamina;

35. Illi in vista tas-suespost, ir-risposti kollha tal-intimat SportMalta (ara foll 20) ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi rigward l-Assocjazzjoni intimata jinghad sintetikament is-segwenti:

36.1. Illi l-lasta protagonista fl-incident in dizamina kienet giet ordnata u mixtrija minn xi haddied *welder* jew inginier mill-Assocjazzjoni intimata, (ara foll 168C u 168D);

36.2. Illi pero` jirrizulta li kull attrezzatura mixtrija, anke mill-Assocjazzjoni intimata, kienet tkun proprjeta` ta' SportMalta u din kienet anke tirrifondi l-ispejjez inkorsi fir-rigward, (ara foll 168B);

36.3. Illi *di piu`*, il-manutenzjoni u l-utilizzar tal-istess kien esklussivament ir-responsabbilita` tal-entita` intimata SportMalta, (ara foll 168B), *stante* li l-attrezzi kollha fl-istess pixxina nazzjonali kienu proprjeta` tal-istess entita`, (ara foll 168B);

36.4. Illi jigi wkoll sottolineat li mill-mument li l-Assocjazzjoni xtrat il-lasta *de quo* din kienet sussegwentement modifikata u allura, kienet modifikata meta kienet il-proprjeta` u fil-pusses ta' SportMalta, (senjatament tal-aventi kawza taghha l-Kunsill Malta ghall-Isport);

36.5. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-Assocjazzjoni intimata hi ezenta minn kull responsabbilita` fir-rigward u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

37.0. Illi fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni jinghad sintetikament is-segwenti:

A. **Damnum Emergens**:

37.1. Illi r-rikorrenti jghid li ma setghax imur ghax-xoghol ghal hames gimghat, (ara foll 235);

37.2. Illi fl-2010 qala` l-*"income"* ta' €23,391.00 f'47 gimgha, (5 gimghat neqsin ghaliex ma hadimhomx, (ara foll 313);

37.3. Illi ghalhekk dan iwassal ghal dhul medju ta’ €497.65 fil-gimgha;

37.4. Illi allura maghdud dan l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti ghal kull wahda mill-hames (5) gimghat li hu ma hadimx minhabba l-incident *de quo*, dan jammonta ghal **€2,488.40**;

37.5. Illi r-rikorrenti pprezenta diversi ricevuti ghall-ammonti minnu spezi in konnessjoni ma spejjez medici minhabba l-incident in dizamina, (ara foll 32 sa 35), komplessivament ammontanti ghal **€185.00**;

B. ***Lucrum Cessans***:

37.6. Illi rigward id-dhul annwali tar-rikorrenti jinghad li a bazi tal-medja li qala` fis-snin 2010 sa l-2013, (ara foll 279 sa 281),u tenut kont tal-kwalifici akkademici tal-istess, inkluz il-*Masters Degree* li kkwalifika fiha, l-ammont ikkalkolat qed jigi ffissat fl-ammont t’**€40,000.00** fis-sena;

C. **Multiplier**:

37.7. Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghall-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***James Spiteri vs. Joseph Magro et*** datata il-***5 ta’ Dicembru, 2014***, fejn tenut kont li fid-data tal-incident ir-rikorrenti kellu 28 sena, ser allura jigi applikat ***“multiplier”*** ta’ ***30***;

D. **Dizabilita` Riskontrata**:

37.8. Illi kif espost aktar qabel, kemm l-espert mediku originali, (ara foll 142), kif ukoll dawk addizzjonali, (ara foll 225), ikkwantifikaw id-dizabilita` permanenti riskontrata fuq ir-rikorrenti fl-ammont ta’ 1%;

37.9. Illi ghalkemm ir-rikorrenti pprezenta valutazzjoni valida t’espert iehor *ex parte* din il-qorti tissottolinea mill-gdid li qed tistrieh fuq l-esperti minnha appuntati f’dan ir-rigward;

E. **Lump Sum Payment**:

37.10. Illi f'dan ir-rigward jinghad li l-procedura odjerna giet intavolata fis-26 t'April, 2011, (ara foll 1);

37.11. Illi ser tigi deciza, ghallanqas *in prim' istanza*, f-1 ta' Novembru, 2016, (ara foll 337);

37.12. Illi f'dan ir-rigward il-***Qorti tal-Appell*** fis-sentenza fl-ismijiet ***Annunziata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri***, deciza fis-***27 ta' Frar, 2004***, irribadiet is-segwenti:

> "Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors ta' zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident ukoll relattiv";

37.13. Illi *di piu`*, il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili***, fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited*** datata t-***2 ta' Gunju, 2005***, irriteniet:

> "F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (*"lump sum payment"*), lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero` tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

37.14. Illi ghalhekk, in vista tal-premess jigi sottolineat li f'dan il-kaz ghandu jsir tnaqqis tal-*"lump sum payment"* fl-ammont ta' **14%**;

Ikkunsidrat:

38. Illi ghalhekk id-danni ghandhom jigu likwidati bil-mod segwenti:

**€40,000.00 x 30 x 1% - 14% + €2,488.40 + €185**
**= €12,993.40**

**DECIDE:**

39.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu fil-konfront tal-entita` intimata SportMalta izda mhux fil-konfront tal-Assocjazzjoni intimata u konsegwentement:

39.1. Tirrespingi r-risposti kollha tal-entita` intimata SportMalta;

39.2. Takkolji r-risposti kollha tal-Assocjazzjoni intimata *Aquatic Sports Association of Malta* u konsegwentement tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju;

39.3. Takkolji ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti limitatament fil-konfront tal-entita` intimata SportMalta u tirrespingi l-istess talbiet fil-konfront tal-Assocjazzjoni limitata;

39.4. Tiddikjara ghalhekk li l-entita` intimata SportMalta hi unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li fih korra r-rikorrenti;

39.5. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta’ tnax-il elf disa’ mija u tlieta u disghin euro u erbghin centezmu, (€12,993.40);

39.6. Tikkundanna lil SportMalta biex thallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti;

39.7. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra SportMalta.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**